**Nru. 1009**

**MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI**

**Ħatra ta’ membru fuq il-Forum għall-Integrazzjoni**

NGĦARRFU b’din illi, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, ħatret lil Dr Alexander Saliba bħala membru tal-Forum għall-Integrazzjoni. Din il-ħatra hija valida sal-31 ta’ Lulju, 2017.

L-20 ta’ Settembru, 2016

**Nru. 1010**

**KONSLU ONORARJU TA’ MALTA F’KAMPALA**

NGĦARRFU b’din għall-informazzjoni ta’ kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta ħatar lis-Sinjura Nita Thakrar bħala Konslu Onorarju ta’ Malta f’ Kampala b’ġurisdizzjoni fuq it-territorju kollu tal-Uganda.

L-indirizz tal-Konsulat huwa li ġej:

9/11 Naguru Summit View Road,<br>
Naguru,<br>
Kampala<br>
Uganda

Numru tat-Telefon: +256 712 112345, +256 750 112345

Email: (maltaconsul.kampala@gov.mt)

L-20 ta’ Settembru, 2016

**Nru. 1011**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l- proposta mhux probabbli li tirriżulta f’impatti ambjentali li li jistgħu jiġu indirizzati b’mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan hu mingħajr preġudizzju għall-oġġezzjonijiet ambjentali pendenti li jappartjenu għall-użu tal-art u l-wirt kulturali diskussi hawn taħt.

**No. 1009**

**MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES**

**Appointment of a member of the Forum on Integration**

IT is hereby notified that the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed Dr Alexander Saliba as a member of the Forum on Integration. This appointment is valid until 31st July, 2017.

20th September, 2016

**No. 1010**

**HONORARY CONSUL FOR MALTA IN KAMPALA**

IT is hereby notified for general information that the Government of Republic of Malta has appointed Mrs Nita Thakrar as Honorary Consul for Malta in Kampala with jurisdiction over the whole territory of Uganda.

The Consulate is situated at:

9/11 Naguru Summit View Road,<br>
Naguru,<br>
Kampala<br>
Uganda

Tel No.: +256 712 112345, +256 750 112345

Email: (maltaconsul.kampala@gov.mt)

20th September, 2016

**No. 1011**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the outstanding environmental objections to the application pertaining to land use and cultural heritage as discussed below.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ikkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni kif ġie konkluż fil-valutazzjoni tal-proġett li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 05374/08 (EA 00061/12)
Post: Sit ġewwa Triq is-Sardin, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar

Proposta: Biex jiġi sanzjonat faċilità ta' ħażna mhux imsaqqfa/kostruzzjoni ta' ħajt tas-sejjieħ u xogħlijiet ta' *landscaping*, Burmarrad.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fit-28 ta' Jannar, 2013 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-11 ta' Lulju, 2016.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application as concluded in the project screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 05374/08 (EA 00061/12)
Location: Site at, Triq is-Sardin, Burmarrad, limits of San Pawl il-Baħar

Proposal: To sanction open storage facility/construct rubble wall and landscaping works, Burmarrad.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to the Environment and Resources Authority on the 28th January, 2013 and the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on the 11th July, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures etc*** |
|---|---|
| Użu tal-art | Il-proposta għandha l-għan li tirregolarizza bidla fl-użu tal-art minn art agrikola għal użu ta' art industrijali filwaqt li s-sit ma jaqax taħt qasam allokat għal użi industrijali, jaqgħa f'żona rurali u qiegħed fil-periferija ta' żona residenzjali f'Burmarrad. Għalhekk l-użu propost mhuwiex kompatibbli maż-żona residenzjali u iż-żona rurali ta' madwar. L-iżviluppi proposti u anċillari proprjetà tal-istess applikant ġew mifruxa lil hinn mill-iskema b'tali mod li ġew intensifikati użi industrijali f'żona mhux addattata għal tali. L-interventi permanenti proposti huma f'kunflitt mal-konservazzjoni tal-karatteristiċi rurali taż-żona u għandhom impatti ambjentali mhux ċari marbuta mal-kontroll ta' *overspills* u l-ġestjoni ta' tixrid u telf ta' ilma. |
| *Land Use* | *The proposal seeks to regularise a change of land use from agricultural arable land into industrial land use when the site does not fall within an area allocated for such uses, falling within the rural area, and at the periphery of Burmarrad residential area. The proposed use is not compatible with both the residential area and rural area. The proposed and ancillary developments owned by the same applicant have sprawled beyond the scheme intensifying industrial uses in an area not suitable for such. The permanent interventions proposed are in conflict with the conservation of the rural characteristics of the area and have unclear environmental impacts related to the control of overspills and runoff management.* |
| Wirt Kulturali | Il-proposta tipproponi biex tissanzjona żvilupp illegali għaldaqstant ċerti karatteristiċi jistgħu jkun diġà ntilfu jew inqerdu waqt it-tħaffir tas-sit. Huwa rakkomandat li l-Awtorità tal-Ippjanar jikkonsultaw lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH). |
| *Cultural Heritage* | *The proposal seeks to sanction an illegal development and therefore certain features may have already been lost or destroyed during the excavation of the site. It is recommended that the Planning Authority follow this up through consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH).* |

| | |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett waqt il-bini mhux mistenni li jkun sinifikanti, meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction is not likely to be significant, considering the nature of the project.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Minħabba n-natura u d-daqs tal-proġett propost fil-konsiderazzjoni tal-attività relatata eżistenti fuq is-sit u n-natura tat-traffiku tal-madwar, il-proġett mhux probabbli li jikkontribwixxi għal impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja. Madankollu huwa nnutat li l-użu propost mhuwiex kompatibbli maż-żona residenzjali tal-viċin, għax l-operat tal-proġett iwassal fi storbju u jnaqqas il-kwalità tal-arja |
| *Impact on air quality* | *The nature and size of the proposed project in relation to the existing related activity on site and the traffic patterns of the wider landward area, are not likely to contribute to significant impacts on the air quality of the area. Nevertheless there is concern that the proposed use is not compatible with the adjacent residential area, whereby the operations of the premises are conducive to noise and air pollution imposing bad neighbourliness.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Il-proġett mhux mistenni li jikkontribwixxi għal impatt ta' storbju u vibrazzjoni sinifikanti. Dawn l-impatti, waqt il-kostruzzjoni huma ta' natura temporanja u l-ebda impatti sinifikanti ma huwa mistenni, meta wieħed iqis ukoll li x-xogħlijiet diġà ġew eżegwiti. L-Impatti ta' storbju u vibrazzjoni mhux mistennija li jkunu sostanzjali waqt il-fażi tal-operat. Madankollu l-użu propost huwa mistenni li jiddistruba lir-residenzi fil-qrib fuq medda ta' żmien. |
| *Noise and vibrations* | *The project is not expected to give rise to significant noise and vibration impacts. Such impacts during construction are of a temporary nature and no significant impacts are envisaged, also considering the works have already been executed. Noise and vibration impacts are not expected to be substantial during the operational phase, however this is expected to cause long term nuisance to neighbouring residences.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

L-20 ta' Settembru, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

20th September, 2016

**Nru. 1012**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 1012**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 20.9.2016 | €37.980 | €0.573 |

L-20 ta' Settembru, 2016

20th September, 2016